MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 1126/2010

**Topcar Limited (C16503)**

**Vs**

**Robert Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti kriet vettura lill-intimat; peress illi l-intimat naqas milli jhallas lill-kumpanija rikorrenti dwar din il-kirja; u peress ukoll li tul din il-kirja gew inkorsi diversi multi/citazzjonijiet dwar din il-vettura li kellhom jithallsu mis-Socjeta' attrici; illi l-ammont dovut lis-Socjeta' attrici mill-intimat dwar is-suespost jammonta ghal seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€724.19c); u billi l-intimat gie nterpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' nadempjenti; jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jikkundannah ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€724.19c) dovuta kif hawn fuq spjegat; bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimat fejn eccepixxa illi preliminarjament, l-azzjoni mertu ta' din il-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(F) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi fil-mertu t-talbiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont reklamat fit-talba m'huwiex dovut; salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz; bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici.

Ra l-atti kollha tal-process.

**Ikkunsidra:**

Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-konvenut fir-risposta tieghu u cjoe illi t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (f) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2011 fejn it-talba giet differita ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni u li wara diversi seduti, fejn il-partijiet talbu ghall-differimenti sabiex jipprovaw jaslu ghall-tranzazzjoni, kienet saret talba li l-partijiet jkomplu ghaddejjin bil-provi (ara verbal tat-13 ta' Frar 2012). Illi f'diversi seduti wara, l-konvenut ma deherx biex iressaq l-prova dwar l-eccezzjoni mqanqla minnu dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk l-avukat difensur tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2012 talab illi jinghalqu l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni. It-Tribunal laqa' t-talba u ddifferixxa t-talba ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Illi t-Tribunal ra li ghalhekk ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegazjoni illi t-talba hija preskritta u ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari mqajjma mill-konvenut u jordna li jitkompla s-smiegh tal-kawza bil-provi fil-mertu. L-ispejjez relattivi ghal din is-sentenza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

# < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------